MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Numru. 149/2003

**Il-Pulizija**
**(AC Neil Harrison)**

**Vs**

**Jason Abela**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jason Abela ta' 31 sena, iben John u Sheila nee Sheriff, imwieled tal-Pieta' fis-17 t'Awwissu 1971 u residenti fil-flat numru 7, Seabreeze Court, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 488971 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-7 ta' Mejju 2000 u matul l-aħħar xhur qabel dina d-data:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Il-Qorti ntalbet sabeix fil-każ ta' sejbien ta' ħtija barra milli tapplika l-piena tikkundanna lill-imputat iħalals l-ispejjeż tal-esperti.

Rat l-atti kollha tal-porċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2002, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat 4889/1971, il-fedina penali (fol 5), il-ħatra tal-

Ispiżjar Mario Mifsud sabiex janalizza s-sustanza esibita, ir-riċevuti a fol 12 u 13, l-istqarrija tal-imputat (fol 14), il-proces verbal redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Noel Cuschieri , il-proċess 'Supretendent Neil Harrison versus Massimo Caruso', il-ħatra ta' Dr David Gatt bħala interpretu mit-Taljan għall-Malti u vice versa (fol 135) kif ukoll biex jagħmel it-traduzzjonijiet mit-Taljan għall-Malti.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Il-fatti fil-qosor kienu dawn. Fis-7 ta' Mejju 2000, il-Pulizija lemħet lill-imputat jasal b'vann. Kif waqqfuh il-Pulizija, l-imputat beda jgħajjat biex jiġbed l-attenzjoni ta' xi ħadd li kien fil-flat numru 7. Fil-preżenza tal-imputat kienet elevata ftit sustanza allegata eroina u fil-living room kien hemm ammont żgħir ta' eroina u oġġetti oħra relatati mad-droga. Ħin minnhom daqq il-mobile tal-imputat u l-imputat kien pront sabbat il-mobile mal-art u kissru. Waslu żewġ persuni fil-flat tal-imptuat: Carmelo Ciranna u Massimo Caruso. Dawn iż-żewġ persuni qalu lill-Pulizija li kienu marru fil-post tal-imputat ħa jixtru d-droga. Kienet elevata somma ta' flus minn għand l-imputat: Lm81, Lm780, 300 dollaru Amerikan u 40 sterlina.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li n-numru tal-mobile tiegħu kien 09429530. (Ara fol 43) Huwa qal li l-affarijiet li nġabru mill-flat kienu tiegħu. Huwa ammetta li kien jieħu l-eroina. Huwa ċaħad li kien ibiegħ id-droga.

PC 1013 Raymond Debono kien involut fit-tfittxija. Huwa qal li l-imputat kien irreżisista meta kienu qalulu li kienu pulizija u beda jgħajjat ħafna sabiex jinstema' mill-persuna li kienet fil-flat tiegħu. Effettivament ħarġu xi nies. A fol 19 PC 1013 Raymond Debono ddeskriva x'instab fuq il-

coffee table. L-imputat kien kisser il-mobile meta l-mobile beda jdoqq kontinwament. Huwa kien ħatfu minn idejn il-Pulizija. Il-Pulizija kienu arrestaw żewġ persuni li kienu marru għand l-imputat.

Xehed Massimo Caruso (fol 25) (10 ta' Marzu 2004). Huwa qal li kien mar iħabbat il-bieb tal-imputat meta kien ma' persuna oħra li kien Carmelo Ciranna. Huwa kien mar hemm għax Ciranna kien qallu 'Imxi ħa nixtri d-droga'. (fol 29) Ix-xhud kien jieħu d-droga u meta marru fil-post ġewwa Buġibba sabu l-Pulizija ġewwa.

A fol 27, dan ix-xhud qal:

Prosekutur: *Inti tiftakar li ġejt arrestat meta kont mort tħabbat bieb ta' flat?*

Xhud: Mela dak iż-żmien jien kont ma' nies oħra, jiġifieri, ma' persuni oħra, ***morna nixtru l-ismack*** *. Issa kont arrestat imma mhux inqbadt jiena jiġifieri, kont ma' ħafna nies oħra.*

Pros: *Għal dik l-okkażjoni partikolari qed ngħidlek jiena*.

Pros: *Tiftakar kont mort tħabbat bieb ta' flat u ġejt arrestat, sibt il-Pulizija ġewwa.*

Xhud: *Iva dik iva imma mhux waħdi kont*. ' (fol 27)

Il-persuna l-oħra kienet ser tagħmel ix-xiri.. Huwa l-ewwel qal li ma kienx jixtri droga mill-flat fejn arrestawh il-Pulizija u imbagħad qal li kien mar darbtejn iżda baqa' isfel. Dak in-nhar ried ikun jaf min hu l-persuna li tbigħ biex imbagħad imur jixtri waħdu (fol 32). Dejjem kien jitla' t-Taljan Ciranna.

Huwa reġa' xehed fit-8 ta' Ġunju 2004 waqt li fil-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Massimo Caruso' hemm l-istqarrija ta' dan ix-xhud dwar l-avvenimenti ta' dawn il-proċeduri.

Meta reġa' xehed Massimo Caruso huwa qal li huwa kien mar mat-Taljan u kien ra lill-imputat għall-ewwel darba u t-Taljan kien isejjaħlu 'Jesmond' flok Jason iżda l-persuna kienet l-imputat. Infatti x-xhud meta mistoqsi mill-Prosekutur :

*'Ma tafx x'jismu pero' qallek jismu Jesmond. Pero hu l-imputat'*

Ix-xhud wieġeb:

*'Eżatt. Infatti imma jien il-karta rajtu Jason. Ma nafux jien b'Jason.' (fol 66).*

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li dak in-nhar li mar għand l-imputat ma kienx xtara droga (fol 70) għaliex mill-ewwel kien ġie arrestat.

Fit-2 ta' Novembru 2005, is-sur Paul Miruzzi ikkonferma li fit-23 t'Ottubru 2003 fil-każ il-'Pulizija versus Christopher Cassar' ma kien ippreżentat xejn. Għalhekk l-esibit rikjest mill-Prosekuzzjoni kien qed jinfetaħ fl-Awla. Il-Prosekutur, wara li ra t-tags, għaraf l-esibit bħala l-esibit relevanti (fol 87)

Id-Deputat Reġistratur ikkonferma bil-ġurament li minħabba l-volum ta' xogħol, bi żball kien daħħal l-esibit fi proċess ieħor li fih ma kien ippreżentat xejn. (Fol 90). L-esibit kellu jidħol f'dan il-proċess.

**Il-Prosekutur ikkonferma li kien propju dan l-esibit li huwa kien ippreżenta fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2003.**

Xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud. Huwa kkonferma r-relazzjoni tiegħu li minnha jirriżulta li mill-esibiti nstabu 1.971 grammi tas-sustanza 6-Monacetylmorphine, traċċi ta' kokaina, u 0.206 grammi ta' eroina. (fol 103).

**Difiża**

Xehed Carmelo Salvatore Ciranna li qal li kien Massimo Caruso li indikalu fejn kellhom imorru. Huwa kien arrestat huwa u dieħel fl-appartament. Filfatt huwa kien għadu ma xtara xejn.

Il-Qorti hawn staqsietu jekk kienx xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti (fol 138). Huwa kkonferma dak li kien qal quddiem il-Maġistrat Inkwitrenti. Qal ukoll li kienu għaddew tmien snin. Iżda mbagħad reġa' qal li kien qed jikkonferma l-kontenut tal-istqarrija ġuramentata. (Ara fol 139 fejn qal 'Si, Si').

Xehdet Vicky Scicluna bħala rappreżentanta tas-'Sedqa'. Dina xehdet li l-aħħar appuntament li kellhom mal-imputat kien f'Lulju 2002. Huwa kien qed jagħmel progress u kien spiċċa l-programm tan-Naltroxine ta' sitt xhur. Imbagħad reġa' kien intervistat f'Jannar 2002 iżda ma kienx regolari fl-appuntamenti tiegħu. Meta darba ħalla sample li kien 'positive' l-imputat kien ta spjegazzjoni minħabba li kien jieħu 'n-night nurse.'

Xehed ukoll is-sur Trevor Calafato li kien segwa lill-imputat minn Awwissu 2006 u sabu persuna affidabbli.

Xehed ukoll Charlie Mifsud li huwa koordinator ma' Suret il-Bniedem. Huwa xehed li l-imputat kien mexa 'l quddiem wara li kienu għamlu kuntatt mal-Caritas. Huwa kien għamel ħafna xogħol volontarju fid-dar tal-Caritas. (fol 156).

L-Ispettur Nezrin Grixti qal li l-imputat kien għenhom f'żewġ każi partikolari (fol 160).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Konsiderazzjoni ta' Natura Legali.**

L-Avukat Difensur waqt is-sottomissjonijiet finali ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li l-istqarrija ġuramentata magħmula

minn Carmelo Ciranna (fil-proċes-verbal) kienet bit-Taljan u li ma kienx hemm verżjoni bil-Malti fil-proċess.

Il-Qorti analizzat il-Kap 189 tal-Liġijiet ta’ Malta partikolarment l-artikolu 3 (e). Dawn il-proċeduri kien kollha bil-Malti u meta fl-Awla kien hemm xhieda bit-Taljan l-imputat kellu t-traduttur skond id-digriet tal-Qorti (fol 135 tal-proċess)

L-artikolu 3(e) tal-Kap 189 jiddisponi hekk:

*‘meta għandha tiġi miktuba d-depożizzjoni tax-xhieda, din għandha tiġi miktuba bil-Malti, ħlief meta tingħata bl-Ingliż, f’liema każ għanda tiġi miktuba bl-Ingliż:*

*Iżda meta d-depożizzjoni tiġi miktuba bl-Ingliż fi proċeduri li jsiru bl-ilsien Malti jew bil-Malti fi proċeduri li jsiru bl-ilsien Ingliż, għandha titqiegħed mir-Reġistratur fl-inkartament kemm jista’ jkun malajr traduzzjoni ta’ dik id-depożizzjoni fl-ilsien li bih ikunu qed isiru l-proċeduri.’*

Imkien fl-imsemmi Att ma hemm xi provvediment li l-ksur ta’ xi dispożizzjoni tal-istess Att twassal għal xi nullita’. L-importanti huwa li l-imputat ikun jaf x’qiegħed jingħad u jekk ma jkunx familjari mal-ilsien użat allura jkollu dritt għal traduttur.

Issa fil-każ odjern meta l-Maġistrat Inkwirenti inkluda x-xhieda mogħtija quddiemu bit-Taljan, dan sar għaliex ma kien hemm ebda language barrier bejn il-Maġistrat u x-xhud. Din il-prattika twassal ukoll sabiex min qed jixhed iħossu aktar komdu jesprimu ruħu b’ilsienu milli tramite xi traduttur. L-użu tat-Taljan fil-gżejjer Maltin ma joħloqx probelmi speċjalment f’kawżi sommarji, jiġifieri bla ġurija u fejn ik-ġudikant, il-prosekuzzjoni u d-difiża kulħadd jifhem dan l-ilsien.

L-Att 189 imkien ma jikkomina xi nullita’ u fejn in-nullita’ mhix espressa fil-Liġi wieħed m’għandux jassumiha.

**Apparti dan kollu, illum nullitajiet bla bżonn fil-proċedura qed jgħibu mill-pajjiżi tal-Ewropa kollha**

**speċjalment wara ċerti deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li x-xhieda ġuramentata bit-Taljan bl-ebda mod ma ġġib xi nullita' fil-proċess.**

**Konsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet.**

**L-ewwel Imputazzjoni**

Fil-fehma tal-Qorti joħroġ ċar li Massimo Caruso mar flimkien ma' persuna oħra sabiex jixtri d-droga eroina. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' Massimo Caruso stess li fil-jum imsemmi ma kienx laħaq xtara għax intervenew il-Pulizija. **Din ix-xhieda biss –weħidha - diġa' hija xhieda ċara u ta' min joqgħiod fuqha biżżejjed bħala prova ta' tentattiv ta' bejgħ ta' dorga eroina da parti tal-imputat liema bejgħ ma seħħx mhux għax iddesista l-imputata iżda għaliex daħlu l-Pulizija.**

Mill-proces verbal (fol 39) jirriżulta li kienet saret stqarrija ġuramentata ta' Carmelo Ciranna liema xhieda ġuramentata kienet konfermata quddiem il-Qorti kif preseduta (fol 139) Afol 43, jissemma n-numru tat-telefon 09429530 (li hu l-istess bħal dak tal-**imputat)**. Carmelo Ciranna qal li kien mar fl-appartament ta' Buġibba fejn kien arrestat biex jixtri l-eroina (fol 43). Huwa kien mar hemmhekk diversi drabi. Huwa kien ħabbatt u sab il-Pulizija. Huwa kien ċempel diversi drabi fuq it-telecel (fol 44) iżda l-imputat ma kienx wieġeb. It-telefon kien ta' Massimo Caruso. Huwa kien mar għand l-imputat sabiex jixtri l-eroina (fol 43). Minn għand l-imputat kien xtara kemm l-eroina kif ukoll il-kokaina. **Kien xtara darbtejn l-eroina bejn April u Mejju tas-sena 2000 u għaxar darbiet l-eroina. Kull pakkett kien jiswa Lm10**. Meta kien qiegħed fil-kwartieri tal-Pulizija, huwa kien ra lill-ispaċċjatur li kien heddu (fol 46). Kien qallu wkoll biex joqgħod kwiet. Dan ix-xhud kien stqarr ukoll taħt ġurament li kien mar jixtri minn għand l-imputat is-Sibt ta'

qabel. L-ispaċċjatur kellu van blu u wara kien hemm vojt. Huwa kkonferma l-firma tiegħu fuq l-istqarrija. F'dan l-istess dokument jgħid ukoll li huwa kien mar hemm mal-persuna l-oħra ħalli jixtri d-droga.

Huwa sinifikanti li n-numru li ċempel Carmelo Ciranna huwa l-istess numru tal-imputat. Huwa wkoll sinifikanti li meta ntervenew il-Pulizija t-telefon tal-imputat daqq diversi drabi u hu ma setax iwieġbu u dan jaqbel eżatt mal-veżjoni ta' Carmelo Ciranna li huwa beda jċempel lill-imputat iżda Carfmelo Ciranna baqa' bla tweġiba. Dan kollu ġara waqt ir-raid tal-Pulizija u għalhekk joħroġ kemm hi veraċi x-xhieda ta' Ciranna lit a fuq il-pedana tax-xhieda fejn ikkonferma wkoll dak li kien qal waqt l-istqarrija ġuramentata.

Cirana ta wkoll d-dati ta' meta kien xtara u dawn jaqgħu fil-parametri tad-dati mogħtija, jiġifieri fis-7 ta' Mejju 2000 (jum l-arresti u għalhekk hawn si tratta ta' tentattiv għax il-bejgħ kien frustrat mill-Pulziija) u matul la-ħħar xhur qabel dina d-data (fejn hawn si tratta ta' spaċċjar effettiv).

Il-Qorti rat lix-xhieda Massimo Caruso u Carmelo Crianna jixhdu u m'għandhiex dubju li dak li qalu kien il-verita'.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta għal dik il-parti tal-imputazzjoni fejn jingħad ' u matul l-aħħar xhur qabel dina d-data' iżda qed tilliberah mill-imputazzjoni kif dedotta għal dak li jirrigwarda d-data tas-7 ta' Mejju 2000 u minflok qed issibu ħati ta' tentattiv ta' spaċċjar ta' droga, reat li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni u li jġorr l-istess piena.

**It-tieni imputazzjoni – Pussess ta' eroina.**

Din l-imputazzjoni hija ppruvata għaliex il-Pulizija elevat is-sustanza minn għand l-imputat u l-analista forensiku ikkonkluda li s-sustanza kienet eroina.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9 ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B), 22(5) u 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imptuazzjoni kif dedotta safejn l-ispaċċjar jirreferi għal dik il-parti tad-data 'u matul l-aħħar xhur qabel dina d-data tas-7 ta' Mejju 2000' iżda qed tilliberah miknn dik il-parti tal-imputazzjoni fejn tirreferi għas-7 ta' Mejju 2000 u minflok qed issibu ħati ta' tentattiv ta' spaċċjar tad-droga, reat li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni u li jġorr l-istess piena stante dak li jipprovdi l-artikolu 22(5) tal-Kap 101 u qed issibu ħati tatg-tieni imptuazzjoni dedotta kontrih.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tapplika l-artikolu 29 f'żewġ gradi stante l-għajnuna importanti li l-imputat ta lill-Pulizija.

Qed tqis ukoll il-progress li għamel l-imputat skond ir-rapport tal-Probation Officer, u li l-fedina penali hija prattikament netta.

Min-naħa l-oħra, mix-xhieda jirriżulta li l-imputat kien biegħ id-droga **aktar minn darba.**

Għalhekk, wara li l-Qorti wiżnet kollox qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €468 liema multa għandha titħallas kollha fi żmien tliet xhur. Jekk ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert li jammontaw għal Lm72 (illum €168.48) fi żmien xahar mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' dawn l-ispejjeż, is-somma tkun konvertita f'jum ta' priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------